MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Numru. 564/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Ronald Cutajar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Ronald Cutajar ta’ 30 sena, iben John u Mary nee’ Carabott, imwieled Pieta’ nhar is-06 ta’ Awwissu 1978 u residenti gewwa St. Anthony, Triq Wied il-Ghajn, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 365378M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

1. Fl-10 ta' Gunju 2009 ghal habta ta' bejn is-siegha nieqes kwart u is-siegha ta' wara nofs in-nhar (12:45hrs – 13:00hrs) minn gewwa Triq Haz Zabbar, Fgura, ikkommetta serq ta' vettura Citroen ZX bin-numru ta' registrazzjoni GAC 187, propjeta' ta' Oscar Gatt liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi il-2329.4 Euro (LM1000) u aktar talli;

2. Bejn it-8 ta' Gunju 2009 u id-9 ta' Gunju 2009, minn gewwa Triq il-Kbira Zabbar, ikkommetta serq ta' vettura Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni KAN 718, propjeta ta' Richard Pisani liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi il-232.94 Euro (LM100) u aktar milli;

3. Bejn id-9 ta' Gunju u l-10 ta' Gunju 2009, minn gewwa Triq San Gwann, Fgura, ikkommetta serq ta' mutur Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni FAN559 propjeta ta' Joseph Montebello liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi il-232.94 Euro (LM 100) u aktar talli;

4. Bejn id-9 ta' Gunju 2009 u l-10 ta' Gunju 2009, gewwa Triq Tal-Labour, Zabbar, ikkommetta serq ta' dokumenti u stereo minn gewwa l-vettura Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni GBF635, propjeta ta' Steve Bonnici liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u aktar talli;

5. Bejn id-9 ta' Gunju 2009 u l-10 ta' Gunju 2009, gewwa Triq tal-Labour, Zabbar, hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil-vettura Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni GBF635, propjeta' ta' Steve Bonnici, liema hsara hija ta' aktar minn 116.47 Euro (hamsin Lira Maltin) u anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-dannu tal-istess Steve Bonnici u aktar talli;

6. Bejn id-9 ta' Gunju 2009 u l-10 ta' Gunju 2009, gewwa Triq tal-Labour, Zabbar ittanta li jisraq minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAB664 tal-ghamla Peugeot 306 ghad-dannu ta' Ernest Micallef, liema reat

ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu u liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-232.93 Euros (LM100), bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa, u aktar talli;

7. Bejn id-9 ta' Gunju 2009 u l-10 ta' Gunju 2009, gewwa Triq tal-Labour, Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru BAB664 ta' ghamla Peugeot 306, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' Ernest Micallef, u aktar talli;

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 9 Gunju 2011 (esebita a fol. 232 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(1) Fl-Artikoli 261(b)(c)(g); 263; 271; 278; 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 261(b)(c)(f)(g); 263; 270; 271; 278; 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikoli 261(b)(c)(f)(g); 263; 270; 271; 278; 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 261(b)(f)(g); 263; 270; 271; 278 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) Fl-Artikoli 41, 261(b)(c)(f)(g); 263; 270; 271; 278; 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(7) Fl-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(8) Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(9) Fl-Artikoli 17, 18, 31, 334, 383, 384, 385 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-7 ta’ Dicembru 2011, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :
Illi l-fatti ta’ dan il-kaz taw il-bidu tieghu meta fid-9 ta’ Gunju, 2009 ghall-habta tal-hamsa u ghoxrin ta’ fil-ghodu (5:20 a.m.) certu Richard Pisani mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Haz-Zabbar li kien ghadu kemm induna li xi hadd kien seraqlu l-vettura tieghu tal-ghamla Ford Escort ta’ kulur abjad bin-numru ta’ registrazzjoni KAN 718. Huwa qal li l-vettura tieghu kienet ipparkjata f’Main Street, Haz-Zabbar u l-ahhar li raha kien fil-gurnata ta’ qabel, fit-8 ta’ Gunju, 2009 ghall-habta ta’ l-ghaxra ta’ fil-ghaxija (10:00 p.m.). Sussegwentement Richard Pisani rega’ mar l-Ghassa ta’ Haz-Zabbar fl-istess data, fid-9 ta’ Gunju, 2009 ghal habta tas-sebgha ta’ fil-ghaxija (7:00 p.m.) u nforma lill-Pulizija li kien ghadu kemm sab il-vettura tieghu pparkjata f’Misrah San Nikola Haz-Zabbar u din kienet moghttija b’cover. Il-Pulizija marru fuq il-post indikat fejn sabu din il-vettura li kellha l-licenzja ta’ mal-windscreen nieqsa u kellha l-ixkaffi ta’ wara tal-ispeakers neqsin. Il-Pulizija kellmu lil Joseph Barbara, ghand min kienet il-vettura, fejn dan qalilhom li xi erba’ (4) sieghat qabel kien ghadu kemm xtara dik il-vettura ghal hamsin ewro (€50) minghand persuna li kull ma kien jaf li l-laqam tieghu huwa ‘in-Nepuc’. Huwa qal li meta xtraha ma kienx jaf li dik il-vettura hija misruqa. Minn investigazzjonijiet

ulterjuri l-Pulizija saru jafu li dan in-Nepuc irrizulta li kien certu Ronald Cutajar, u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna. Fil-11 ta' Gunju, 2009 ghall-habta tat-tmienja ta' fil-ghodu (8:00 a.m.) waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu r-ronda fit-Triq il-Karmnu, Zabbar, li tigi t-triq ta' wara r-residenza ta' l-imputat, sabu vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAC 187 ta' l-ghamla Citroen ZX ipparkjata. Irrizulta li din kienet giet misruqa gurnata qabel u cioe' fl-10 ta' Gunju, 2009 ghall- habta tan-nofsiegha ta' wara nofsinhar (12:30 p.m.) minn Zabbar Road, Fgura. Sidha gie infurmat u l-Pulizija tat-taqsima forensika marru fuq il-post sabiex jiffotografaw il-vettura u jelevaw xi impronti digitali li seta kien hemm fuqha. Wara li sar dan l-ezercizzju rrizulta li fil-karozza kien hemm numru ta' oggetti li kienu estranji ghal sidha u fost dawn l-affarijiet kien hemm zewg number plates li kienu fil-bagoll ta' wara li kellhom in-numru CBF648. Minn aktar stharrig irrizulta li dawn in-number plates kienu jaghjtu lill-imputat. Instabu wkoll diversi affarijiet gewwa fiha fosthom kalzetta ta' lewn bajda u siringa ssiggillata fil-kompartament tal-bieba tax-xufier, nuccali tax-xemx skur u skarpell zghir li kienu fil-console ta' quddiem il-gear lever, tnalja zghira li kienet fil-kompartament tad-dashboard u bott fwieha tal-hgieg imdendla mal-wiper lever. L-imputat gie arrestat mill-Kalkara Pharmacy fejn it-tabib li kien qieghed jinvistah, Dr. Stephen Spiteri, ccertifika li l-imputat kien qed ibati minn withdrawal symptoms qawwijin minhabba l-effetti tad-droga u kellu xi feriti f'saqajh minhabba l-abbuz ta' droga stess.

Fl-istess ghassa mar certu Aaron Abela li rraporta li huwa kien xtara mutur ta' l-ghamla Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni FAN559 minghand l-imputat u kien qed jissuspetta li dan huwa misruq. Meta saru l-verifiki dwar dan il-mutur, irrizulta li dan kien gie misruq minn Triq San Gwann, il-Fgura fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Gunju 2009. L-istess membri tat-team forensiku, cioe' PS612 u PC6, marru l-garaxx ta' dan Aaron Abela fejn iffotografaw il-mutur u mbaghad il-mutur ittiehed l-Ghassa ta' Haz-Zabbar fejn minn hemmhekk gie rritornat lil sidu Joseph Montebello.

Sussegwentement il-Pulizija kellmu lil certu Brian Tonna li huwa gar tal-imputat fejn huwa qal li l-imputat kien tah lift f'karozza u meta huwa gie muri l-vettura Citroen ZX bin-numru ta' registrazzjoni JAC187 huwa gharaf il-vettura bhala l-istess vettura li kien qed isuq dakinhar l-imputat u li biha kien wasslu d-dar.

Ikkunsidrat

L-Istqarrija tal-Imputat

Din il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi li nghataw rigward id-dritt tal-imputat li jkun assistit minn Avukat waqt l-investigazzjoni u tehid tal-istqarrija mill-Pulizija. Fiż-żmien tar-rilaxx tal-istqarrija in kwistjoni l-liġi tagħna ma kinitx tipprovdi li l-interrogat jista' jkollu l-assistenza tad-difensur tiegħu waqt li jkun qed jiġi interrogat u meta jkun ser jirrilaxxja stqarrija. Minħabba dan kollu l-imputat jista' jkollu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikoli 6(3)(ċ) u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ġie nnutat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera deċiża fil-11 ta' April 2011. Is-sub-artikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 39 jipprovdi li –

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

Is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi – "Fid-deċiżjonijiet tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi".

Is-sub-artikolu (3)(ċ) tal-istess Artikolu 6 tal-Kap. 319 jipprovdi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-dritt "li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din

għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk".
L-ebda wieħed mill-Artikoli ċitati ma jistipula speċifikament li persuna li tkun qed tiġi investigata mill-Pulizija in konnessjoni ma' xi allegat reat għandha d-dritt li tkun assistita, waqt l-istess investigazzjonijiet u meta tkun ser tirrilaxxja stqarrija, mill-konsulent legali ta' fiduċja tagħha jew li jkun ġie assenjat lilha skond il-liġi. Ġie diversi drabi ritenut mill-Qorti Europeja li dak li hu stipulat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu applikabbli għal dak l-istadju li jippreċedi proċeduri kriminali quddiem il-qrati kompetenti kontra min ikun qed jiġi investigat u interrogat mill-Pulizija. Għalhekk il-provvedimenti in kwistjoni huma wkoll applikabbli fil-fażi tal-investigazzjonijiet u tal-interogazzjoni tal-investigat. Kwindi l-interrogat għandu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-istess mod kif jista' jiddefendi ruħu fil-kors ta' proċeduri kriminali li jkunu ttieħdu kontra tiegħu. B'mod partikolari huwa għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat qabel ma jibda' jiġi interrogat mill-Pulizija. Dan issa hu prinċipju ben assodat li joħroġ minn diversi sentenzi tal-Qorti Europeja (vide Imbrioscia vs Svizzera tal-24 ta' Novembru 1993 u Panovits vs Cyprus tal-11 ta' Diċembru 2008), kif ukoll minn sentenzi tal-qrati tagħna. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera (Qorti Kostituzzjonali 11 ta' April 2011) ġie ritenut li:

*"meta diġa jkun hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, il-qorti m'għandhiex toqgħod tistenna sakemm jintemm il-każ jew li jiġi attwalment miksur id-dritt pretiż biex tiddeċiedi jekk hemmx leżjoni jew le. Jista' jagħti l-każ li jkun tard wisq. Fil-fehma ta' din il-qorti n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' investigazzjoni hu wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi li jistgħu jippreġudikaw id-dritt ta' persuna akkużata irrimedjabilment".*

Illi tenut kont tal-fatt li fil-kaz odjern dakinhar tat-tehid tal-istqarrija ma giex provdut bid-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, dina l-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni l-kontenut tal-istqarrija maghmulha mill-imputat bhala prova ghal finijiet ta' sejbien ta' htija.

Ikkunsidrat

F’dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tifli l-provi l-ohra migjuba mill-Proskeuzzjoni sabiex tara jekk jirrizultax sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat ikkommetta s-serqiet ul-hsara volontarja li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna. Illi l-Qorti setgaht tirrileva li f’dawn il-proceduri mill-provi li ngabu mill-Prosekuzzjoni ma hemm xejn li jindika b’mod dirett li fil-fatt il-vetturi de quo kienu misruqa mill-imputat. Din il-Qorti izda taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (per.Imhallef Vincent Degaetano) deciza fis-26 ta’ Awissu 1998 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Emanuel Seisun et’, il-Qorti studjat fil-fond it-terorija tad-*doctrine of recent possession* fejn gew ikkwotati diversi awturi Nglizi u saret referenza ghal gurisprudenza Ngliza fejn l-imsmeija Qorti qalet is-segwenti:

*“Din il-Qorti wkoll ser tikkwota mill-ahhar edizzjoni ta’ Archbold peress li hi tal-fehma li l-bran li gej jitratta bl-iktar mod konciz u preciz il-kwistjoni kollha marbuta ma’ din it-teorija:*

*There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The rule (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the stolen property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be so directed:(see R. v. Loughlin, 35 Cr.App.; R. v. Seymour, 38 Cr. App. R.68.) This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pick pocketing or an armed robbery.*

*In R.V.Symthe, 72 Cr.App R 8 C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed. (now 8th ed.p.35): “If someone is found in possession of goods soon after they have been*

*missed,(sottolinjar tal-Qorti), and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to be stolen 8 The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*Every case depends on its own facts, there is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property: in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality, is that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how it fits in or does not fit in with the other available evidence." (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997 paras.21-125, 21-126)."*

Din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tara jekk abbazi tal-provi li ghandha quddiemha din it-teorija tistghax tigi applikata fil-kaz odjern.

1. <u>Serq ta' Vettura Citroen ZX bin-numru ta' registrazzjoni GAC 187 ghad-detriment ta' Oscar Gatt.</u>

Oscar Gatt qal li kien hdejn garaxx gewwa Zabbar Road il-Fgura fejn halla l-vettura tieghu pparkjata sakemm dahal gewwa dan il-garaxx. Kif hareg minn hemm ma sabx il-vettura tieghu tal-ghamla Citroen ta' kulur griz li kellha n-numru ta' registrazzjoni GAC 187. Persuna li ghandu garaxx fil-vicin tah kopja ta' filmat mehud minn CCTV cameras sabiex jghaddih lil Pulizija. L-ghada li ghamel rapport minhabba s-serq tal-vettura tieghu gie infurmat li din kienet instabet. Meta halliha pparkjata l-vettura kellha c-cavetta gewwa fiha. Fil-fatt fil-11 ta' Gunju, 2009 ghall-habta tat-tmienja ta' fil-ghodu (8:00 a.m.) waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu r-ronda fit-Triq il-Karmnu, Zabbar, li tigi t-triq ta' wara r-residenza ta' l-imputat, sabu l-imsemmija vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAC 187 ta' l-ghamla Citroen ZX ipparkjata hemm. Meta l-Pulizija kelmu lil Brian Tonna li huwa gar tal-imputat dan qal li l-imputat kien waslu bil-karozza li huwa gharaf il-vettura Citroen ZX murija lilu mil-Ispettur Fabian Fleri bhala l-istess wahda li kien qieghed isuq l-imputat meta wasslu d-dar. Illi ghalkemm meta Brian Tonna xehed f'dawn il-proceduri qal li din il-vettura kien minghalih li kienet tal-marka Renault huwa qal ukoll li din kienet l-istess wahda li giet murija lilu quddiem l-Ghassa tal-Pulizija. Huwa zied jghid li ma kienx jiftakar x'kulur kienet din il-vettura izda kienet l-istess wahda li kien tela' fiha meta Ronald Cutajar kien qed isuqha u wasslu d-dar. Illi ghalhekk minn dak li xehdu Brian Tonna u l-Ispettur Fleri jidher b'mod car li giet murija l-istess vettura u cioe Citroen ZX. Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm giet esebita CD li turi fil-fatt persuna tidhol gewwa din il-vettura u tinstaq ma saret ebda talba mill-Prosekuzzjoni sabiex din il-persuna tigi identifikata.

Din il-Qorti jidrilha li abbazi ta dak li xehed Brian Tonna tista' tigi applikata t-teorija ta' recent possession sabiex l-imputat jinstab hati ta' serq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAC 187. Illi l-fatti appena esposti jwaslu lil din il-Qorti ghal konkluzzjoni wahda u cioe' li l-imputat kien il-persuna nvoluta f'dan is-serq. Il-Qorti hija tal-fehma li kien ghadda ftit hin wisq sabiex l-imputat kien gie fil-

pussess ta' din ir-res furtiva jekk mhux ghax kien involut fis-serq tal-istess vettura. Ghaldaqstant din il-Qorti ser issib lill-imputat hati ta' serq aggravat skond l-Artikolu 261(g) izda mhux ser issibu hati taht l-artikolu 261(b) stante li din il-vettura kienet miftuha bic-cavetta gewwa fiha u lanqas taht l-artikolu 261 (c) ghaliex ma ngabet ebda prova tal-valur tal-vettura hekk misruqa.

2. <u>Serq ta' vettura Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni KAN 718 ghad-detriment ta' Richard Pisani.</u>
Mill-provi rrizulta li Richard Pisani mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar meta nduna li xi hadd kien seraqlu l-vettura tieghu ta' l-ghamla Ford Escort ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni KAN 718. Huwa qal li l-karozza kienet ipparkjata f'Main Street, Haz-Zabbar u l-ahhar li raha kien fil-gurnata ta' qabel, fit-8 ta' Gunju, 2009 ghal habta ta' l-ghaxra ta' fil-ghaxija (10:00 p.m.). Richard Pisani rega' mar l-Ghassa Haz-Zabbar fl-istess data u nforma lill-Pulizija li kien ghadu kemm sab il-vettura tieghu pparkjata f'Misrah San Nikola Haz-Zabbar u din kienet mghottija b'cover. Il-Pulizija kelmu lil Joseph Barbara fejn dan qalilhom li xi erba' (4) sieghat qabel kien ghadu kemm xtara dik il-vettura ghal hamsin ewro (€50) minghand persuna li kull ma kien jaf li l-laqam tieghu huwa in-Nepuc u rrizulta li din il-persuna kien l-imputat Ronald Cutajar. Meta Richard Pisani xehed f'dawn il-proceduri qal li kien sab xi affarijiet neqsin minn gewwa l-vettura tieghu bhal radio, battery, u affarijiet ohra li jiswew mitt lira Maltin. Din il-Qorti jidrilha li anki fil-kaz ta' din il-vettura l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat seraq l-imsemmija vettura. Din il-Qorti qed tistrieh ghal finijiet ta' sejbien ta' htija fuq dak li qalu Richard Pisani u Joseph Barbara u l-imputat ser jinstab hati ta' serq aggravat ta' vettura taht l-artikolu 261(c) (f) (g) izda mhux hati taht l-artikolu 261(b) stante li ma ngabet ebda prova ta' sgass jew ksur.

3. <u>Serq ta' mutur Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni FAN 559 ghad-detriment ta' Joseph Montebello</u>

Joseph Montebello qal li kien ghamel rapport minhabba li kien insteraqlu mutur tat-tip Yamaha 80 bin-numru ta' registrazzjoni FAN 559. L-ammont ta' hsara kien jammonta ghal 150 Euro. Minn naha tieghu Aaron Abela qal li kien gie ghandu certu Ronald li ma kienx jafx x'kunjomu li gharfu bhala l-imputat. Dan kien gie u qallu biex ibieghlu mutur. Wara li hallsu qallu biex igib il-log book tieghu izda dan qatt ma gabu. Huwa hallas biss sittin Ewro sabiex xtara l-mutur. Dan il-mutur kien tal-ghamla Yamaha tal-fardal. Jidher bic-car li Aaron Abela kien xtara l-mutur minghand l-imputat u cioe' l-istess mutur li gie misruq lil Aaron Abela. Ghalhekk dina l-Qorti ser issib lil-imputat hati ta' serq aggravat ta' mutur Yamaha 80 taht l-Artikolu 261(b), (f), (g) izda mhux hati taht l-Artikolu 261(c).

4. <u>Serq ta' Dokumenti u stereo u hsara volontarja fuq il-vettura Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni GBF 635 ghad-detriment ta' Steve Bonnici.</u>

Illi in kwantu jirrigwarda r-raba'(4) u l-hames(5) imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li b'xi mod torbot lill-imputat ma' din is-serqa. Ghalkemm xehed Steve Bonnici fuq il-hsara li sofra, huwa f'ebda hin ma ndika li l-imputat kien il-persuna li seraqlu l-istereo u li kkaguna l-hsara fil-vettura. Illi l-unika darba li ssemma l-imputat kien fl-istqarrija minnu rilaxxjata izda kif inghad fil-bidu, l-istqarrija mhux ser tittiehed in konsiderazzjoni bhala prova ghar-ragunijiet ndikati aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tar-raba'(4) u tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

5. <u>Tentattiv ta' serq ta' stereo u hsara volontarja fuq il-vettura Peugoet 306 bin-numru ta' registrazzjoni BAB 664 ghad-detriment ta' Ernest Micallef.</u>

Ernest Micallef ma xehedx f'dawn il-proceduri minhabba li lahaq miet fil-mori tal-kawza. Illi l-unika prova li l-Prosekuzzjoni resqet b'riferenza ghal dan it-tentattiv ta' serq kien dak li qal l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata izda kif diga' inghad aktar 'il fuq din l-istqarrija mhux ser tittiehed in konsiderazzjoni bhala prova ghal finijiet ta' sejbien ta' htija. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat

mhux hati tas-sitt(6) u tas-seba’(7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

6. Recidiva taht l-artikoli 49, 50 u 289

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-addebitu tar-recidiva jirrizulta pruvat permezz tas-sentenzi esebiti a fol. 53 sa 59. Gie wkoll pruvat li dawn is-sentenzi inghataw fil-konfronti tal-imputat fil-kawza odjerna stante li l-konnotati ndikati huma l-istess.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut tas-Social Inquiry Report inserit a fol. 245 et sequitur tal-atti processwali kif ukoll ix-xhieda tal-Probation Officer li hejjiet dan ir-rapport[1]. Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li qal l-Ufficjal Prosekutur waqt it-trattazzjoni finali dwar il-piena li ghandha tigi applikata fejn huwa spjega li l-imputat ghamel progress kbir f’hajtu wara li kien arrestat in konnessjoni mal-proceduri odjerni u fejn sostna li l-piena li tinghata ghandha tkun wahda li kemm jista’ jkun ma tiddisturbax il-progress kbir li ghamel l-imputat. Fic-cirkostanzi din il-Qorti jidrilha li m’ghandhiex tiddisturba l-progress maghmul mill-imputat u tistultifika x-xoghol siewi maghmul minn professjonisti fil-kamp riformattiv billi timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti sejra ghalhekk tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Probation fil-massimu sabiex l-imputat ikompli jigi mghejun jeghleb darba ghal dejjem il-problema tal-abbuz mid-droga. Il-Qorti jidrilha li permezz ta’ tali riforma jibbenefika mhux biss l-imputat izda anki s-socjeta’ in generali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghal Gudizzju tad-9 Gunju 2011 u senjatament l-Artikoli 17, 49, 50, 261 (b), (c), (f), (g), 263, 267, 270, 271 u 289 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2) tat-tielet(3) u tat-tmien(8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Probation ghall-perijodu ta’ tlett(3) snin millum u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-

[1] Xhieda relattiva nserita a fol. 241 et sequitur tal-atti processwali.

imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u l-Parole li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hames mija u hamsa u tletin ewro u erbgha u tletin ewro centezmi (€535.34) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------